A.L. 292 ta' l-2001

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Ordni ta' l-2001 dwar Delegazzjoni ta' Funzjoni lil Kunsilli Lokali (*Bus Shelters*)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bil-paragrafu (n) ta' l-artikolu 33 (1) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali għamel l-Ordni li ġej:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2001 dwar Delegazzjoni ta' Funzjoni lil Kunsilli Lokali (*Bus Shelters*).

(2) Dan l-ordni jibda jseħħ fl-1 ta' Diċembru, 2001.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

"Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta" tfisser l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta kif stabbilita fl-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta; Kap. 332.

"*bus shelter*" tfisser struttura msaqqfa li tkun tinsab f'post maħsub mill-awtoritajiet kompetenti għall-ġbir tal-passiġġieri minn *motor buses* li jintużaw bħala vetturi tat-trasport pubbliku, u liema struttura primarjament għandha l-għan li tkun ta' konvenzjoni u tipproteġi l-passiġġieri;

"*bus stop*" tfisser kull lok maħsub mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta bil-għan biex iservu ta' *bus stop* għal skopijiet ta' transport pubbliku;

"Kunsill" tfisser kull Kunsill Lokali kif stabbilit fl-Att;

"lokalità" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-Att;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Gvern Lokali.

Funzjonijiet delegati.

3. Skond il-paragrafu (n) ta' l-artikolu 33(1) ta' l-Att, il-Ministru ordna li:

(a) it-twaqqif u s-sostituzzjoni ta' *bus shelters* kollha ġodda;

(b) il-manutenzjoni tal-*bus-shelters* kollha,

ikunu funzjoni li qegħda b'dan tiġi delegata lil kull Kunsill Lokali.

Responsabbiltà għal toroq arterji u distributorji eċċ.

4. Skond l-artikolu 33(2) ta' l-Att, ir-responsabbilità għal toroq arteri u distributorji u l-partiti murija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Ordni qegħda tiġi delegata lil Kunsill Lokali unikament għall-għanijiet kif provdut fl-artikolu 3 ta' dan l-Ordni:

Iżda d-delega għal toroq arteri u distributorji kif imsemmi hawn aktar qabel m'għandhiex tneħħi l-awtorità konkorrenti tal-gvern ċentrali li jkun jista' jissostitwixxi *bus shelters* skond kif ikun meħtieġ u meta jkun hemm bżonn.

Speċifikazzjonijiet.

5. *Bus shelters* għandhom jigu mwaqqfa jew miżmuma fi stat tajjeb, skond il-każ, strettament skond speċifikazzjonijiet stabbiliti mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

Permessi neċessarji.

6. Il-Kunsilli Lokali għandhom jiksbu l-permessi kollha neċessarji mingħand l-Awtorità ta' l-Ippjanar.

Sostituzzjoni ta' struttura ta' *bus shelter*.

7. F'każ ta' sostituzzjoni ta' *bus shelters* li kienu jinsabu f'xi post qabel il-pubblikazzjoni ta' dan l-Ordni, Kunsill għandu jagħti avviż bil-miktub ta' l-intenzjoni tiegħu lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta ta' mhux anqas minn għaxart ijiem u l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għandha tavża lil Kunsill bil-miktub jekk il-*bus shelter* li tkun se tissostitwixxi jiġix imneħħi mill-Kunsill innifsu jew mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

Iżda jekk l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tonqos milli tavża lill-Kunsill kif provdut f'dan l-artiklu, dik l-istruttura ssir proprjetà tal-Kunsill u l-Kunsill, għas-spejjeż tiegħu, ikollu d-dritt li jiddisponi minn dik l-istruttura kif ikun hemm bżonn.

L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 3)

Ħwejjeġ inklużi taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali unikament għall-għanijiet ta' *Bus Shelters*

Qasam Industrijali Attard	Limiti ta' Attard	
Qasam Industrijali Bulebel	Limiti taż-Żejtun	
Qasam Industrijali Hal Far	Limiti ta' Birżebbuġa	
Qasam Industrijali Kordin	Limiti ta' Paola	
Qasam Industrijali Luqa	Limiti ta' Luqa	
Qasam Industrijali Marsa	Limiti tal-Marsa	
Qasam Industrijali Ricasoli	Limiti tal-Kalkara	
Qasam Industrijali San Ġwann	Limiti ta' San Ġwann	
Qasam Industrijali Xewkija	Limiti ta' Xewkija	
Villaġġ tas-Snajja' Għawdex	Limiti ta' Għarb	
Villaġġ tas-Snajja' Ta' Qali	Limiti ta' Attard	
L-Ajruport	Limiti ta' Luqa	Limitament għal arei fuq barra b'aċċess pubbliku li mhumiex arei jew żoni ta' sigurtà.
Bus Terminus	Rabat, Għawdex	